**25 ta' Frar, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B. Litt., LL.D.**

Giovanni Azzopardi

*versus*

Spiridione Camilleri

**Restituzzjoni ta' Oġġetti jew Ħlas tal-Valur Tagħhom — Spejjeż Ġudizzjarji.**

*Biex wieħed jara jekk l-istanza tkunx inutili jew le, irid jirrimonta għaż-żmien li fih tkun ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, u mhux għal dak li talvolta jista' jiġri wara fil-kors tal-proċeduri; u s-superfluwità tal-istanza hemm bżonn li tkun kolpuża, attribwibbli għal sistema ta' difiża, jekk mhux malizzjuża, almenu imprudenti.*

*Jekk qabel ma għamel il-kawża l-attur talab lill-konvenut irrestituzzjoni tal-oġġetti li mbgħad talab ir-restituzzjoni tagħhom fil-kawża, u l-konvenut ma rrestitwihomx, l-attur kien ġustifikat jirritjeni li anki fil-kawża l-konvenut kien sejjer jinnega dik ir-restituzzjoni, u allura ma għamelx domanda superfluwa meta huwa talab ukoll il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tal-valur tagħhom.*

*Konsegwentement, jekk l-attur jitlob il-kundanna tal-konvenut għar-restituzzjoni tal-oġġetti, u għall-ħlas tal-valur tagħhom jekk il-konvenut ma jirrestitwihomx fiż-żmien li tipprefiġġilu l-Qorti, u l-Qorti tikkundanna l-konvenut għar-restituzzjoni fi żmien determinat u tħalli l-kawża għal seduta oħra biex tipprovdi fuq id-domanda għall-ħlas talvalur tagħhom, ma jistax il-konvenut, għax ikun irrestitwixxa l-oġġetti fiż-żmien lilu prefiss mill-Qorti, jippretendi li t-talba għall-kundanna tiegħu għall-ħlas tal-valur taloġġetti kienet intempestiva, u li għalhekk l-ispejjeż relattivi ma għandhomx jiġu provvduti kontra tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha tas-27 ta' Novembru 1959, li fiha jinsabu miġjuba d-domandi tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u li biha ġiet milqugħa l-ewwel talba, billi ġie prefiss lill-konvenut tmien tijiem żmien

biex jirrestitwixxi lill-attur it-tliet ġiżirani msemmija fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u ġiet differita l-kawża għal kull eventwali provvediment dwar it-talbiet l-oħra;

Rat in-nota tal-attur tat-8 ta' Jannar 1960, li biha rrinunzja għall-meritu, stante li ġew lilu restitwiti l-katini in kwistjoni, iżda żamm aħieħ il-kap tal-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita intempestività tat-tieni u t-tielet talba;

Illi l-konvenut jippretendi li l-attur kellu jillimita ruħu jagħmel il-kawża għall-kunsinna biss tat-tliet ġiżirani in kwistjoni, u jitlob il-likwidazzjoni tal-valur tagħhom u l-ħlas f'kawża oħra, jekk u wara li l-konvenut ikun naqas minn dik il-kunsinna; u għalhekk jippretendi li, ladarba l-oġġetti ġew restitwiti fiż-żmien prefiss mill-Qorti, it-tieni u t-tielet talba kienu inutili, u l-ispejjeż tagħhom għandu jbatihom l-attur;

Illi, biex wieħed jara jekk l-istanza tkunx inutili jew le, irid jirrimonta għaż-żmien li fih tkun ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, u mhux għal dak li talvolta jista' jiġri wara fil-kors tal-proċeduri. F'dan ir-rigward josserva Orazio Sechi:— "Dovendo supporsi che la legge non a caso abbia parlato di atti riconosciuti superflui (kif jingħad fl-art. 376 tal-Proċedura Ċivili Taljana), non debba quel participio riferirsi per così dire, alla scienza del poi, in modo che la tassazione debba farsi avuto riguardo al momento finale del giudizio, ma che la stessa debba, invece, farsi avuto riguardo al momento processuale in cui l'atto da tassarsi è stato compiuto" (Digesto Italiano, Spese Giudiziali Civili, §87). Kwantu mbgħad għall-konċett tas-superfluwità, il-Chiovenda jmur jinnota illi "conviene ritenere che la lite sia superflua allorquando non vi è ragione di credere che il convenuto non avrebbe aderito anche prima della lite. Ora, la ragione di ritenere ciò non si ha soltanto quando il convenuto interpellato espressamente abbia negato o ta-

ciuto. Essa si può trarre da varie circostanze. Se la mora era già incorsa prima della lite, o per termine scaduto o per intimazione, l'inadempimento rende necessaria la lite senz'uopo di indagare altrimenti l'intenzione del debitore. In sostanza, è necessario che il convenuto sappia prima dell'azione che l'azione deve proporsi; questo, dandogli la possibilità di evitarla, basta a costituirlo causa della lite" ("La Condanna nelle Spese Giudiziali", § 251, paġ. 254 u 255);

Illi minn dan jidher li s-superfluwità hemm bżonn li tkun kolpuża, attribwibbli għal sistema ta' difiża, jekk mhux malizzjuż, almenu imprudenti (v. Chiovenda, op. ċit. § 290, paġ. 291; u Mattirolo, Diritto Giudiziario, Vol. IV, § 189, ediz. 1904);

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, l-attur ma jidherx li kien imprudenti jew fi ħtija, meta fiċ-ċitazzjoni talab il-kundanna subordinata tal-konvenut għall-ħlas tal-valur ta'-oġġetti in kwistjoni. Mhux, infatti, kontestat illi qabel il-kawża l-attur, almenu b'ittra privata, talab lill-konvenut ir-restituzzjoni tat-tliet ġiżirani, u illi l-konvenut irrisponda għal dik l-ittra (fol. 13), mingħajr però ma rrestitwihom; u għalhekk l-attur kellu jirritjeni li anki fil-kawża kien sejjer jinnega dik ir-restituzzjoni, u ma għamel xejn superfluwu meta talab ukoll il-kundanna għall-ħlas tal-valur (v. każ analogu Kollez. XXXVII-I-212);

Illi, barra minn dan, ta' min josserva illi l-kunsinna ta' ħaġa determinata tikkostitwixxi, skond ċerta ġurisprudenza, obligazzjoni "di fare" (Kollez. Vol. I, 84; III, 105; VII, 542); u għalhekk b'applikazzjoni tal-art. 220 tal-Proċedura Ċivili, il-Qorti għandha jkollha l-possibbiltà li tordna kif, fin-nuqqas ta' eżekuzzjoni volontarja tal-fatt, għandha tiġi eżegwita s-sentenza; u fil-każ tagħna per mezz tal-ħlas tal-valur tal-ġiżirani, li jifforma il-meritu oġġett tad-domandi subordinati;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi ma jidherx li hemm raġuni tajba biex tiġi varjata r-regola tal-inċidenza tal-ispej-

jeż f'każ ta' sokkombenza kontemplata fl-art, 221(1) tal-Proċedura Ċivili;

Għal dawn il-motivi;

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni, fil-meritu, tat-tieni u tat-tielet talba, billi dawn ġew rinunzjati;

U tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż relattivi.